"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 ail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tas- seduta numru 10 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 13 ta 'Ottubru 2015 fis-6:00p.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Hermann Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Skużati | -- |

Membri tal-pubbliku preżenti : 1

---

**Agenda għal-laqgħa:**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sotto Kumitati
6. Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Performance Management Programme
10. Postijiet ta' Rikreazzjoni fil-Bajja s-Sabiħa
11. Servizz ta' Avukat
12. Offerti Pubbliċi
13. Traffiku u Parkeġġ
14. Indafa u Ambjent
15. Ġonna, Parks, u Soft Areas
16. Utilitajiet u Servizzi
17. Ambaxxatur Lokali taż-Żagħżagħ
18. Ingaġġ ta' Impjegat
19. Kera ta' Garaxx
20. Attivitajiet
21. Materji oħra
22. Aġġornament tal-Laqgħa

KB

**NB Il-Laqgħa bdiet fis-6.25pm minħabba nuqqas ta' kworum**

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba**

**10/1 Approvazzjoni tal-Minuti**

10/1.1 Il-minuti tas-disgħa (09) laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

10/1.1.1 B'referenza għall-minuta 09/2.5.2, il-Kunsillier SZ talab li l-kelma "qablux" tiġi sostitwita bil-kelma "rrakomandawx". Il-Kunsill qabel.

10/1.1.2 B'referenza għall-minuta 09/2.5.6, il-Kunsillier SZ talab li r-referenza għall-minuta imsemmija kellha tkun 09/02/05/05. Il-Kunsill qabel.

10/1.1.3 B'referenza għall-minuta 09/4.5 il-Kunsillier SZ talab il-kelma "jikkonċedi" tiġi sostitwita bil-kelma "jaċċetta". Il-Kunsill qabel.

10/1.1.4 B'referenza għall-minuta 09/9.6 il-Kunsillier SZ irramarka li l-punt ġie mressaq mill-Kunsillier Joseph Baldacchino u mhux mill-kunsilliera Josette Busuttil. Il-Kunsill qabel.

10/1.1.5 B'referenza għall-minuta 9/3.8, il-Kunsillier JB irramarka li l-punt ġie imressaq minnu stess u mhux mill-kunsilliera Josette Busuttil. Il-Kunsill qabel.

10/1.1.6 B'referenza għall-minuta 09/4.4, il-Kunsilliera JBD talbet li jiżdied il-kliem "Il-Kunsill qabel". Il-Kunsill qabel.

10/1.1.7 B'referenza għall-minuta 09/9.6, il-Kunsilliera JBD irrimarkat li l-punt ġie imressaq minnha stess u mhux mill-kunsillier Joseph Baldacchino. Il-Kunsill qabel.

10/1.1.8 B'referenza għall-minuta 9/8.3, il-Kunsillier JB talab li jiġi miżjud il-kliem "Fenech, il-kuntrattur tat-"Tipper Truck" wara l-kelma "Charlie". Il-Kunsill qabel.

10/1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imressqa, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Herman Schiavone u ssekondata mill-Kunsillier Stanley Zammit. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 9 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10/2 Punti imqajjma mill-minuti**

10/2.1 Il-Kunsilliera LG staqsiet fuq il-progress li sar fuq materja 09/03.9. Is-Sindku informaha li sar ir-rapport lill-Pulizija u li issa huma qegħdin jaħdmu fuq il-każ biex

jieħdu l-passi. Is-Sindku informaha wkoll illi ġaladarba l-filmat għadda lill-Pulizija m'huwiex rakkomandat li jixxandar fuq siti soċjali, u dan għaliex inkella jkun qed isir tfixkil fl-investigazzjoni. Il-Kunsill qabel li darb'oħra jxandar l-filmat qabel jingħata lill-pulizija, fejn nitolbu għall-informazzjoni fuq identifikazzjoni tal-persuna.

10/2.1.1 Il-Kunsillier JB żied u nforma li minn dakinhar, kien hemm każ ieħor ta' vandaliżmu. Il-persuna intgħarfet permezz tas-CCTV u ġiet imwissija.

10/2.2 Il-Kunsillier HS staqsa jekk sarx progress fuq materja 09/03.11. Huwa kien infurmat li l-bord appuntat reġa' ma ltaqgħax minħabba li membru minnhom ma setax jattendi għall-darbtejn fuq xulxin.

10/2.3 Il-Kunsillier HS staqsa jekk sarx progress fuq materja 09/03.12. Is-Sindku informa li ma kienx sar progress.

10/2.4 Il-Kunsillier HS għamel referenza għall-materja 09/2.5 fejn żied jgħid li l-kontenituri tal-iskart riċiklabbli, partikolarment tal-plastic qed ikunu imfawwrin ta' spiss. Is-Sindku KB irrimarka li kienet inġibdet l-attenzjoni lil GreenPAK fuq dan għall-iktar minn darba.

**Nota: 7.00pm - Il-Kunsillier Hermann Schiavone talab li jkun skużat**

10/2.5 Il-Kunsilliera LG staqsiet rigward Minuta 9/13. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-intervisti maż-żewġ kandidati possibilment nhar il-Ħamis jew il-Ġimgħa fis-7.00am.

10/2.6 Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-Minuta 9/2.6.2. Hija staqsiet jekk hux permessibbli mill-Kunsill li hija tirsisti personalment sabiex issib sponsorship sabiex dan il-progett ikun jista' jsir. Fost l-isponsorhsip jinkludu l-Perit u l-equipment. Wara diskussjoni libera, l-Kunsill qabel mal-prinċipju nem con.

10/2.7 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 9/2.5.3. Kien ikkonfermat li l-Kunsill Lokali Birżebbuġa m'huwiex inkluż fil-proġett pilota imsemmi.

10/2.8 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 3.1. u staqsa jekk kienx hemm xi progress. Il-Sindku KB irrimarka li għadna ma rċevejniex risposta. Sadanittant, l-Viċi-Sindku kien avviċina lill-Ministru kkonċernat u b'intervent tiegħu kienu ser jiġu imwaħħlin 5 kontenituri oħra. Is-Sindku żied jgħid li dan mhux ġustifikabbli għax il-ħames kontenituri li offra huma sempliċiment parti mill-ftehim oriġinali, u jekk niġu f'dan, għad baqgħlom iktar xi jwaħħlu. Il-ftehim oriġinali kien li jeħel kontenitur ma kull 4 bankijiet, b'total li jammonta għal 27 kontenitur. S'issa weħlu biss 15 -il kontenitur u għaldaqstant il-ftehim oriġinali ma ġiex onorat.

10/2.9 Il-Kunsillier SZ staqsa għall-aġġornament fuq Materja 09/3.2. Is-Sindku infurmah li għad ma waslux l-invoices kollha relatata ma' Festa Qarnit.

KB

10/2.10 Il-Kunsillier SZ tkellem dwar minuta 09/12.1. Huwa rrimarka li xorta ma kellux tweġiba u għad hemm problema pendenti bħal problema ta' arbli u cable minn ġo gallarija. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jikteb direttament lic-Chairman tal-Enemalta.

**10/3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

10/3.1 Is-Sindku KB informa li l-fuljett tal-Kunsill ħareġ, u beda x-xogħol fuq il-fuljett li jmiss, li huwa mistenni joħrog għall-ewwel ġimgha ta' Diċembru. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex jgħaddu l-informazzjoni li jixtiequ jinkludu fl-edizzjoni li jmiss u li se jkopri sa Frar 2016.

10/3.2 Is-Sindku tkellem fuq l-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa dwar l-ispeed humps fi Triq San Filippu. Huwa rrimarka li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss biex ikun ġie eżawrit il-perjodu li ngħata lir-residenti għas-sottomissjonijiet tagħhom.

10/3.3 Is-Sindku KB iddiskuta t-talba għall-bozza ħdejn is-San Lucjan Oil. Il-Kunsill qabel li navviċinaw lill-istess San Lucjan Oil u noffrulhom il-possibilta' li titwaħħal minnhom, fil-propjeta' tagħhom, u li tagħti d-dawl għal fuq 'il barra tat-triq ukoll.

10/3.4 Is-Sindku KB irrimarka dwar il-bżonn ta' aktar sigurta' fl-uffiċċju amministrattiv.

10/3.4.1 Minħabba is-sensittivita' tal-materja, il-kunsill qabel li jxolji temporanjament il-laqgħa sabiex ikun jista' jiddiskuti l-materja. Il-laqgħa tkompliet ftit tal-minuti wara.

10/3.4.2 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għadhom jinġabru l-istimi neċessarji.

10/3.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jgħaddi nformazzjoni miġbura mill-laqgħa li inżammet fl-Uffiċċju tal-Ministru Joe Mizzi, li kienet tirrigwardja t-Trasport pubbliku, u li għaliha attendew is-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku JC.

10/3.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika li waqt il-laqgħa huma kienu nfurmati li

- It-tariffi raħsu
- Rotot ġew iffissati wara l-konsultazzjoni pubblika li saret, u għalissa dawn huma fissi. Ser ikun hemm perjodu iżda, li wieħed jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu fuq it-trasport pubbliku, sabiex dawn jittieħdu in konsiderazzjoni, imma dan mhux ser ikun fil-futur qarib.
- hemm Rotta 80 (Belt, Santa Lucija, Zejtun, Birzebbuga)
- Rotta 82 ser tinkludi ċaqliq ta' Bus Stop minn Triq G Marconi għall-Triq l-Imnarja.
- Rotta 82 ser tiżdied il-frekwenza fil-peak hours (kull kwarta)
- kambjamenti mhux ser jiġu imnedija qabel tiġi risolta l-kwistjoni li hemm bħalissa bejn il-Kumpanija tat-trasport pubbliku u l-union tax-xufiera.

10/3.5.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka numru ta' punti fosthom li Rotta 210 ma ssemmietx.

10/3.5.3 Is-Sinku KB irrimarka li din ir-rotta qegħda inkluża fuq il-website tat-trasport pubbliku

10/3.5.4 Is-Segretarju nforma li ser jitlob kjarifika fuq dan.

10/3.6 Permezz ta` e-mail datata 6 ta' Ottubru 2015 fejn l-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa talbu għall-laqgħa mas-Sindku u l-Kunsilliera. Il-Kunsill innota diversi punti li għandhom jiġu diskussi, fosthom it-time frame tal-kuntratt, it-tindif, u l-ipparkjar tad-dgħajjes fis-sajf. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li l-laqgħa tista' ssir fit-22 ta' Ottubru 2015, fil-5.30pm.

10/3.7 Permezz ta' korrispondenza mingħand il-Perit Karl Cutajar, għan-nom ta` sid l-istabbiliment Pretty Bay Kebab, fejn is-sid talab għal *no objection* tal-Kunsill Lokali sabiex jagħmel pjattaforma tal-injam biex jkun jista' joħrog l-imwejjed u s-siġġijiet. Wara diskussjoni libera, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu osservati dawn il-Kundizzjonijiet:
10/3.7.1 Iż-żona tkun għall-erba' mwejjed, kif indikat fuq il-pjanta
10/3.7.2 Pjattaforma tkun tal-injam, kif indikat fuq il-pjanta
10/3.7.3 Ma jsirx żgombru fuq il-bankina
10/3.7.4 Issir b'mod li jintilef biss *parking bay* waħda.
10/3.7.5 Jinġiebu l-permessi l-oħra neċessarji
10/3.7.6 Jiġu osservati l-liġijiet l-oħra relevanti.

10/3.8 Permezz ta' e-mail mill-GreenPak rigward Servizz ta' Ġbir ta' Hwejjeġ. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ladarba m'għandniex spazju sabiex inżommu l-ħwejjeġ, ninfurmawhom li nistgħu nipparteċipaw biss billi niddiriġuhom għall-għandhom direttament.

10/3.9 Permezz ta` e-mail mis-Sur Manuel Abela, rigward talba sabiex ikompli l-proċess biex jiġu rilaxxati Store 1 u 2, li l-Kunsill preżentament jikri fiż-żona tal-Papa. Wara diskussjoni libera, l-Kunsill qabel unanimament li għandu jivverifika l-użu tal-garaxxijiet u jekk għandu l-użu tagħhom, il-Kunsill għandu jżommhom. Dan għaliex il-bżonnijiet tal-Kunsill inbiddlu minn dak iż-żmien tal-ewwel diskussjoni 'l hawn.

10/3.10 Wara l-introduzzjoni tas-sistema ta' Memos Interni, intenzjonata sabiex jitħaffef il-proċess ta' deċiżjonijiet minuri, is-Sindku ressaq fuq il-mejda l-lista ta' Memos interni bin-Numri 001 sa 011 bid-deċizjonijiet meħuda għad-diskussjoni. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva t-tabella bid-deċiżjonijiet meħuda li qed tiġi annessa bħala Dok A.

**10/4 Mistoqsijiet lis-Sindku**

10/4.1 Il-Viċi-Sindku JC staqsa lis-Sindku rigward l-ispazju ta' parkeġġ fi Triq San Mikiel. Is-Sindku wieġeb li l-materja qed jieħu ħsiebha l-Kunsillier SZ.

10/4.2 Il-Viċi-Sindku JC staqsa lis-Sindku jekk hux possibbli isir tindif ta' art mitluqa fi Triq il-Merżuq billi tiġi organizzata attività konġunta mal-grupp tal-iScouts. Is-Sindku wieġeb li għalkemm hija ideja tajba, huwa rċieva talba simili sabiex titnaddaf mill-ħaddiema tal-Freeport. Għaldaqstant, wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tiġi milqugħa l-offerta tal-Freeport, u issir attività oħra mal-Grupp tal-IScouts, fejn titnaddaf zona oħra.

10/4.3 Il-Vici-Sindku JC staqsa lis-Sindku dwar il-ħaddiema manwali assenjati, u kif ser jibdew jaħdmu minħabba li issa ittieħed ħaddiem minnhom mill-IPSL, azzjoni li qed toħloq diffikultà. Is-Sindku issuġġerixxa li dawn il-ħaddiema jibdew jirrapportaw kollha fis-7.00am u jingħataw programm ta' xoghol. Liema programm jiġi determinat minn ġimgħa qabel. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Il-Kunsill qabel ukoll li l-programm ta' xogħlijiet jibda jitfassal minnu, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Vici-Sindku JC u mill-Kunsillier SZ permezz ta' laqgħa li għandha ssir kull nhar ta' gimgħa fit-3.00pm.

10/4.4 Il-Vici-Sindku JC staqsa lis-Sindku sabiex jitwaħħlu doggy bins. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jistgħu jitwaħħlu dawn il-bins fi Triq il-Merzuq faċċata ta' Triq il-Kitarristi in-naħa ta' fuq, wieħed fejn it-tankijiet tal-gas, wieħed fi Triq il-Brolli kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles, u wieħed fi Triq San Filippu kantuniera ma' Triq il-Kummerċ.

10/4.5 Il-Vici-Sindku JC talab lis-Sindku sabiex jitwaħħlu l-bins li ġew mogħtija lill-Kunsill b'donazzjoni mingħand l-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa, liema bins għandhom jitwaħħlu fejn il-Knisja. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol għandu jiġi pprogrammat fil-programm ta' xogħlijiet.

10/4.6 Il-Viċ-Sindku JC staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li tinqala' s-siġra taċ-Cipress ta' ħdejn il-knisja, liema siġra mietet. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

10/4.7 Il-Kunsilliera LG staqsiet jekk hux ser isir il-manutenzjoni fuq il-Bus Shelter f'Tal-Papa. Is-Sindku wieġeb li intalbet stima għal dan ix-xoghol, iżda il-kuntrattur għandu ma tax risposta.

10/4.8 Il-Kunsilliera LG staqsiet lis-Sindku jekk hux possibbli jiġi rranġat iċ-ċint li hemm fi Triq Arturo Issell. Is-Sindku wieġeb li għandna niċċekkjaw jekk dan ix-xogħol jistax isir mill-ħaddiema tal-Gvern, u jekk dan ma jistax isir minnhom, jista' jiddaħħal fil-programm ta' xoghol tal-ħaddiema assenjati

10/4.9 Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku għall-progress rigward Triq il-Qajjenza. Is-Sindku informa li huwa nfurmat li saret l-applikazzjoni tal-Permess tal-Mepa, u għaldaqstant wieħed irid jistenna li joħrog il-permess relevanti.

10/4.10 Il-Kunsilliera JBD infurmat lis-Sindku bl-attivita' ta' Nora li ser issir nhar it-Tnejn, u ħadet l-opportunita' biex stiednet uffiċċjalment lis-Sindku u lill-Membri tal-Kunsill. Hija infurmat ukoll li ha tibda Outreach, fi ħdan iċ-Centru ~~Henrietta.~~ Enrichetta Dan huwa programmat li jilħaq familji ~~ff Triq tal-Ġebel~~ Birzebbuga.

10/4.11 Il-Kunsillier SZ informa lis-Sindku li fi Triq Zaren Dalli kantuniera ma' Triq San Mikiel, hemm ftit madum tal-bankina nieqes, u għaldaqstant hemm bżonn li jsir. Il-Sindku wieġeb li dan għandu jidħol fil-programm tax-xogħlijiet.

10/4.12 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li l-Kunsilliera jibda ikollhom kopji ta' minuti ta' ċertu laqgħat ta' importanza. Is-Sindku qabel li tali minuti jiġu iċċirkolati.

10/4.13 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk hux possibli isir ftit patching għall-ħofor zgħar li hemm fi Triq San Patrizju. Wara diskussjoni libera, is-Sindku approva.

10/4.14 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku rigward il-patching li sar fl-inħawi ta' Wied il-Qoton, liema patching ma sarx fit-triq kollha. Is-Sindku wieġeb li l-contracts manager ġie mitlub jivverifika dwar ix-xogħol li sar, u jekk ikun il-każ, tinħareġ Works Order għall-parti li baqa'.

10/4.15 Il-Kunsilliera LG staqsiet lis-Sindku jekk kienx innutat li trakkijiet qed jgħaddu miċ-ċentru ta' Birżebbuġa, u mhux mill-byepass kif kien miftiehem. Is-Sindku kkonferma dan, u informa li l-Pulizija ġew infurmati. Il-Kunsilliera LG issuġġeriet li jsiru tabelli *"No Heavy Vehicles, except to render a service in this street"*. fejn ir-roundabout ta' Ħal Għaxaq (li tagħti għall-Birżebbuġa) u fejn il-freeport, biex b'hekk is-sewwieq ikunu imfakkra. Is-Sindku informa li diġa kien hemm tabelli simili, iżda għal xi raġuni, dawk li kien fejn ir-roundabout ta' Ħal Għaxaq ġew imneħħija minn persuni mhux magħrufa.

10/4.16 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku jekk hux possibli li Triq il-Musbieħ tiddaħħal fil-programm ta` asfaltar. Is-Sindku informa li din it-triq kienet inkluża, izda mhux ser issir għalissa.

10/4.16.1 Il-Kunsillier JB żied li dan ix-xogħol kien pospost milli jsir minħabba li jridu jgħaddu xi kanali minn ġot-triq, li jwasslu sal-ground tal-Football, u għaldaqstant ma kienx vijabbli li x-xogħol isir għalissa sabiex jigu evitati spejjez doppju.

10/4.17 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku rigward il-possibilita' li titneħħa palma minn Gnien l-Indipendenza minħabba li nixfet.

10/4.17.1 Il-Vici-Sindku irrimarka li nistgħu nistaportuha ftit peress li f'dan iz-zmien tista terga' tarmi.

10/4.18 Il-Kunsillier SZ staqsa jekk sarx progress fuq il-proġett tal-Funtana ta' Gnien l-Indipendenza. Is-Sindku wiegeb li riċentament inżammet laqgħa mal-perit fejn ġie mitlub jabbozza id-dokument tal-offerta għal dan il-progett.

10/4.19 Il-Kunsillier SZ informa is-Sindku li l-mera fi Triq Alfons Maria Galea, tkun iktar effettiva jekk tiġi fuq in-naha l-oħra. Is-Sindku qabel li dan ix-xoghol għandu jsir.

10/4.20 Il-Kunsillier SZ talab lis-Sindku jekk jistax jkollna lista tal-għaqdiet li jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-iskola, li għandha tinkludi l-isem tal-Ghaqda, meta, u minn ħin sa x'hin jużawha. Dan sabiex jigi ivverifikat jekk il-ħlas li qed isir huwiex korrett.

10/4.20.1 Il-Kunsillier JB irrimarka li huwa ma jaqbilx li għandu jħallas lill-iskola għas-servizzi għax il-Kunsill investa biex fetaħ il-bieb li jmiss ma' barra sabiex jevita dan. Huwa żied jgħid li dan il-ħlas kien mitlub minn meta inbidlet l-amministrazzjoni tal-iskola

10/4.20.2 Is-Sindku informa li tali lista għanda tiġi kkumpilata biex isiru il-verifiki neċessarji.

10/4.21 Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku rigward it-trasport li l-Kunsill ikkoordina għall-attivita' ta' Notte Bianca u sussegwentament il-prezz mitlub. Huwa żied jgħid li l-prezz stabbilit kien ferm inqas minn dak li stabbilixxew l-għaqdiet, minħabba li huma ħasbu għall-marġini ta' profit u l-Kunsill dan m'għamlux. Għalhekk seta' ħoloq kunflitt bejn il-Kunsill u l-għaqdiet, u l-għaqdiet setgħu tpoġġew f'dell ikraħ.

↳ għall- fundraising

10/4.21.1 Is-Sindku irrimarka li l-Kunsill ħareġ bl-ideja qabel l-għaqdiet.

10/4.21.2 Is-Sindku żied jgħid li l-għaqdiet kienu ġew mitluba jagħmlu l-kalendarju tal-attivitajiet, sabiex din it-tip ta' kompetizzjoni indiretta tiġi evitata, iżda huma naqsu milli jagħmlu dan.

10/4.21.3 Il-Kunsillera JBD irrimarkat li l-Kunsill ma ikkordinax it-trasport bl-intenzjoni li jagħmel profit, iżda sempliċiment li jkopri l-ispejjez. L-intenzjoni kienet biss li tiġi organizzata ħarga kulturali, bl-inqas spejjes possibbli, u fejn il-parteċipanti jieħdu gost jipparteċipaw.

10/4.21.4 Is-Sindku irrimarka li l-Federazzjoni tal-Għaqdiet hemm bżonn li tibda taħdem iktar.

10/4.21.5 Il-Kunsillier JB irrimaka li hu m'għadux jorganizza l-ħarġiet għall-anzjani propju biex jevita kunflitt ma' għaqdiet oħra, iżda mhux ser jitlob l-istess atteġġjament mill-Kunsilliera JBD minħabba li din hija deċiżjoni tagħha la d-dekasteru huwa fdat f'idejha.

10/4.21.6 Is-Sindku irrimarka li kien hemm konkorrenza qawwija għall-attivita' ikkordinata mill-Kunsilliera JBD, li jista' jkun għall-fatt, li l-prezz offrut mill-Kunsill kien iktar baxx minn ta' organizzaturi oħra, minħabba r-raġunijiet imsemmija iktar 'l fuq.

10/4.21.7 Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li ma jsirux attivitajiet li mhumiex strettament kulturali biex b'hekk ma jinħolqux konflitti mal-għaqdiet.

**10/5 Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati**

10/5.1 Is-Sindku KB ta rendikont tal-laqgħa li saret mal-"Kumitat għall-Qajjenza Aħjar", Fost punti ġie diskuss il-formazzjoni tas- Sotto-Kumitat. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li joħrog sejħa fil-magazine tal-Kunsill għall-dawk interessati sabiex jipparteċipaw.

10/5.2 Is-Sindku KB ippropona li jitwaqqaf Kumitat għall-iżvilupp ta' *Tourist Trail*, li l-irwol tiegħu ser ikun sabiex jiġi imwaqqaf ċirkwit turistiku ta' postijiet ta interess ġewwa Birżebbuġa. Is-Sindku ppropona li ċ-Chairperson ta' dan il-Kumitat għandha tkun il-Kunsilliera Leanne Grech, u l-membri għandhom ikunu s-Sindku KB, il-Kunsillier Stanley Zammit, u żewġ membri mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel nem con.

**10/6 Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill**

10/6.1 Ma kienx hemm rapporti

**10/7 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji**

10/7.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni Skeda ta' pagamenti bin-numru 10/15, liema skeda ġiet iċċirkolata minn qabel, u għaldaqstant giet ikkunsidrata bħala moqrija.

10/7.1.1 Il-Kunsillier SZ għamel osservazzjoni dwar l-ispejjez tal-fjuwil inklużi fl-iskeda.

10/7.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ikopri perjodu ta' 4 xhur, ta' żewġ ħaddiema assenjati, li t-tnejn kienu jużaw it-trasport personali tagħhom għax-xogħol ta' manutenzjoni kollu li jsir fil-lokalita'. Madankollu huwa żied jgħid li minn issa 'l quddiem, minħabba li ħaddiem minnhom tneħħa minn mal-kunsill, din l-ispiża għandha tonqos.

10/7.2 Is-Sindku, l-Kunsillier SZ talab rapport dwar is-sitwazzjoni finanzjarja mal-*Wasteserve*, fejn jidħlu *tipping fees.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan jista' jgħaddihulu għall-laqgħa li jmiss wara li jiġi maħruġ mis-sezzjoni tal-accounts.

10/7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti imniżżlin fl-iskeda 10/15. Il-Kunsill approva nem con.

**10/8 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet**

10/8.1 Sabiex bħala attivita' għall-Milied, u sabiex insebbħu l-promenade għal-żmien tal-festi, u sabiex nagħtu eżempju biex nirreċiklaw, nipproponi li narmaw siġra tal-Milied b'materjal riċiklabbli. *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015)*

10/8.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din l-attivita' tista' tiġi mogħddija lill-għaqdiet, u għaldaqstant il-Kunsilliera LG irtirat il-mozzjoni.

10/8.2 Sabiex inkattrru l-kultura tal-Karnival, nipproponi li norganizzaw attivita' f'dan iż-żmien partikolari, bħal parata u ballu. *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015)*

10/8.2.1 Wara diskussjoni libera, l-Kunsill qabel l-Kunsilliera LG tagħmel iktar riċerka fuq il-materja sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni. Għaldaqstant il-Kunsilliera LG irtirat il-mozzjoni.

10/8.3 Sabiex inżidu l-użu tal-Librerija Lokali, u inħeġġu r-residenti jixprunaw dan is-servizz, nipproponi li nagħmlu tabelli li juru id-direzzjoni tal-post. *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015)*

10/8.3.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel nem con li għandhom isiru dawn it-tabelli.

10/8.4 Sabiex inżommu ruħna aġġornati mat-teknologija tal-llum, nagħtu dehra iktar moderna, u inżidu l-komunikazzjoni, nipproponi li tinbidel il-website, u issir waħda iktar moderna. *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015)*

10/8.4.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill diġa qabel fuq din il-materja. Huwa żied jgħid li tali proposta ġiet inkluża fi proġett ta' Tourist Trail, liema proġett tressaq lil-MTA.

10/8.5 Sabiex inkomplu naħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni, nipproponi li l-Kunsill jorganizza korsijiet tal-kompjuter, partikolarment tal-ECDL. *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015)*

10/8.5.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel jinġiebu l-prezzijiet għall-korsijiet simili, u sussegwentament tittieħed deċiżjoni. Għaldaqstant il-Kunsilliera LG irtirat il-mozzjoni.

10/8.6 Sabiex ninvestu fit-tagħlim tas-saħħa u s-sigurta', nipproponi li norganizzaw lezzjonijiet tal-Fire Fighting u First Aid lir-residenti u lill-istudenti tal-iskola primarja. *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015)*

10/8.6.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel jinġiebu l-prezzijiet għall-taħrig simili, u sussegwentament tittieħed deċiżjoni. Għaldaqstant il-Kunsilliera LG irtirat il-mozzjoni.

10/8.7 Wara li l-Kunsill ħa ħsieb li jinfetaħ il-Parkeġġ tal-Iskola matul il-ġranet tas-sajf, liema azzjoni dehret ħalliet riżultat pożittiv mill-utenti, nipproponi li tintbagħat ittra lir-residenti viċin l-iskola biex naraw x'impatt ħalla fuqhom dan l-parkeġġ. Fl-istess ittra nitolbu lir-residenti għall-idejat u suġġerimenti tagħhom *(Proponent Kunsilliera LG, datata 2 t'Ottubru 2015).*

10/8.7.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ l-ittra.

**NOTA:** **Il-Kunsill qabel nem con li jsir estensjoni tal-ħin tal-laqgħa ta' mhux aktar minn nofs siegħa.**

**10/9 Performance Management Programme**

10/9.1 Is-Sindku fetaħ il-materja billi fakkar fil-parteċipazzjoni f'dan il-programm, fejn kellha issir study visit ġewwa Oslo, Norvegja. Huwa żied li kif il-Kunsill iddiskuta, minħabba raġunijiet personali, is-Sindku ma setax jattendi u għaldaqstant ipperteċipa l-Kunsillier Joseph Baldacchino. Huwa fakkar ukoll li l-ispejjeż marbutin ma' din iż-żjara kienu ser jigu rimbursati.

Duncan Hall

10/9.2 Il-Kunsill approva uninimant il-parteċipazjoni tal-Agent Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier Joseph Baldacchino

**10/10 Postijiet ta Rikreazzjoni fil-Bajja s-Sabieha**

10/10.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin

**10/11 Servizz ta Avukat**

10/11.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin

**10/12 Offerti Pubbliċi**

10/12.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-hin.

**10/13 Traffiku u Parkeġġ**

10/13.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuza minħabba restrizzjoni fil-hin.

**10/14 Indafa u Ambjent**

10/14.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin.

**10/15 Gonna, Parks, u Soft Areas**

10/15.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tigi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin.

**10/16 Utilitajiet u Servizzi**

10/16.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin.

**10/17** **Ambaxatur Lokali taz-Zaghzagh**

10/17.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ġiet diskussa waqt punti imqajjma mill-Minuti.

**10/18** **Ingaġġ ta' Impjegat**

10/18.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-proċess beda, saret it-talba lid-dipartiment u li issa ġiet mgħoddija lill-Ministru għall-approvazzjoni. Il-process ser jitkompla hekk kif nirċievu l-approvazzjonijiet neċessarji.

**10/19** **Kera ta Garaxx**

10/19.1 Kopja tal-Kuntratt giet iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

10/19.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv SF sabiex iressaq id-dettalji tal-materja

10/19.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt tal-kera tal-garaxx fi Triq Santa Marija ġie diskuss mas-sid, fejn ġie rivedut u saru dawn it-tibdiliet:
- Il-prezz gie ridott għall-€135 fix-xahar
- Il-klawżola tat-tielet sena ġiet eliminata
- Il-Kuntratt ġie modifikat u issa rifletti il-possibilita` li l-Kunsill jista' jinħall meta jrid mill-Kuntratt, u mhux bilfors fl-24 xahar kif kien qabel.

10/19.4 Għaldaqstant il-Kunsill qabel nem con li l-kuntratt jista' jiġi ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10/20** **Attivitajiet**

10/20.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin.

**10/21** **Materji oħra**

10/21.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi maqbuża minħabba restrizzjoni fil-ħin.

**10/22** **Aggornament tal-Laqgħa**

10/22.1 Il-Kunsill aġġorna għat-Tnejn 9 ta Novemberu fil-18.00.

**Il-Laqgħa intemmet fit-9.55pm**

Kevin Barun
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Ezekuttiv

11/11/15
Data